**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

Rikors Nru : 239/17 AL

A B C (detentriċi tal-karta ta' l-identità bin-numru: 0700238 (M)); E C (detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru: 652861 (M)); N Z (detentriċi tal-karta ta' l-identità bin-numru: 18363 (M)); J S (detentriċi tal-karta ta' l-identità bin-numru: 22065 (M)); N F C (detentriċi tal-karta ta' l-identità bin-numru: 449466 (M)); W C (detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru: 73670 (M)) u M I C (detentriċi tal-karta ta' l-identità bin-numru: 49573 (M))

*Kontra*

C D sive Q C (detentriċi tal-karta ta' l-identità bin-numru: 350762 (M)); S F C (detentriċi tal-karta ta' l-identità bin-numru: 428690 (M)) u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi, li permezz tieghu ippremettew :

1. Illi l-esponenti A B C kienet miżżewġa lil P C illum defunt;

2. Illi miż-żwieġ tagħhom l-esponenti A B C u d-defunt P C kellhom sebat'itfal;

3. Illi dawn is-sebat'itfal huma l-esponenti l-oħra u ċjoè E C, N Z, J S, N F C, W C, M I C flimkien ma' J C, dan ta' l-aħħar illum defunt;

4. Illi d-defunt J C kien miżżewweġ lill-konvenuta C D sive Q C. Huma kienu iżżewġu nhar it-12 ta' Settembru, 1981;

5. Illi d-defunt J C u l-konvenuta C D sive Q C kienu isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia ta' nhar is-27 ta' Ottubru, 1988;

6. Illi fis-sena 1989 il-konvenuta C D sive Q C kellha relazzjoni ma' raġel ieħor u minn din ir-relazzjoni hija welldet tifla nhar l-14 ta' Awwissu, 1990 li tatha l-isem S F u li hija l-konvenuta l-oħra f'dina l-kawża;

7. Illi l-konvenuta S F C ċertament ma hijiex bint id-defunt J C tant illi kienet il-konvenuta C D sive Q C stess illi ipproċediet b'kawża li għandha ċ-Ċitazzjoni bin-numru: 271/1994/FGC fl-ismijiet **C D sive Q C pro et noe v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku et** sabiex jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenuta S F C ma hijiex bint J C. Din il-kawża kienet ġiet differita *sine die* u wara, nhar l-4 ta' Mejju, 1998, marret deżerta;

8. Illi apparti dan kollu, l-esponenti kollha jafu bħala stat ta' fatt illi l-konvenuta S F C ma hijiex bint J C;

9. Illi wara illi l-imsemmi J C ġie nieqes, l-esponenti ordnaw ir-riċerki testamentarji tiegħu mil-liema irriżulta illi huwa kien għamel testament li permezz tiegħu istitwixxa eredi universali tiegħu lil ċerta X Borg li iżda irrinunzjat għall-wirt tad-defunt J C permezz ta' nota ippreżentata fir-reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) nhar id-19 ta' Ottubru, 2017. Għalhekk l-esponenti huma l-werrieta *ab intestato* tad-defunt J C u għandhom kull interess illi jipproċedu sabiex tiġi denegata l-paternità tal-konvenuta S F C skond il-liġi, fost l-oħrajn, ai termini ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi għalhekk kellha ssir dina l-kawża;

11. Illi dawn il-fatti l-esponenti tafhom personalment;

Talbu għar-raġunijiet kollha premessi, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni, sabiex il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tilqa' it-talbiet tal-esponenti li qeghdin hawn jitolbu :

1. Prevja okkorrendo bl-opera ta' periti tekniċi maħtura minn dina l-Onorabbli Qorti u okkorrendo wkoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki ġenetiċi u xjentifiċi kontemplati mill-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistgħu jiġi ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti u kondotti mill-periti tekniċi talvolta nominati, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta S F C ma hijiex bint naturali tad-defunt J C u dana kuntrarjament għal dak dikjarat fl-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni 4286/1990 u dana għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha meħtieġa, neċessarji u opportuni fl-att tat-twelid tal-konvenuta S F C li jġib in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni 4286/1990 u jagħmel dawk l-annotamenti neċessarji fl-istess att tat-twelid tal-konvenuta S F C sabiex isem id-defunt J C u l-konnotati tiegħu ma jibqgħux jidhru fuq l-imsemmi att taħt il-kolonni intestati "isem u kunjom", "professjoni, sengħa jew stat ieħor", "età", "fejn twieled", "fejn joqgħodu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" u minflok jiġi mniżżel "missier mhux magħruf" kif ukoll kull dettal ieħor illi dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha tordna;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom illi huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 91)

1. Illi prelimiarjament u stante l-fatt li l-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom iddikjaraw li '*għandhom kull interess illi jipproċedu sabiex tiġi denegata l-paternita' tal-konvenuta S F C skond il-liġi, fost l-oħrajn, ai termini ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta'*, l-esponenti hija tal-umli fehma illi l-atturi għandhom jiddikjaraw abbażi ta' liema artikoli oħra, apparti l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, huma qed jibbażaw dawn il-proċeduri istanti, u dan b'riserva illi jekk ikun ikun il-każ, l-esponenti tkun tista' tissolleva eċċezzjonijiet ultejuri;

2. Illi bla ħsara għal premess u b'referenza għall-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, li jaqra:

‘***Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81***, *il-filjazzjoni ta’ tifel imwieled matul iż-żwieġ tista’ tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:*
*(a) jekk jipprova illi,* ***fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma’ martu*** *minħabba f’li kien bogħod minnha jew minħabba f’xi aċċident ieħor; jew*
*(b) jekk* ***jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju*** *u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista’ wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x’aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel’ (enfażi tal-esponenti),*

l-esponenti teċċepixxi illi preliminarjament qabel ma tiġi trattata l-paternita’ tal-konvenuta S F C, għandha tiġi sorvolata d-disposizzjoni tal-Artikolu 81 li għalih jagħmel referenza Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, u ċioe’ li l-pussess ta’ stat tal-konvenuta jaqbel mal-istatus ta’ wild leġittimu mill-Att tat-Twelid tagħha stess;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li m’hijiex edotta mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi stante tali proċeduri jitrattaw *denegata paternita’*, l-atturi sussegwentament jeħtiġilhom illi jipprovaw u jissodisfaw waħda mir-rekwiżiti li jelenka Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili u f’każ illi din l-Onorabbli Qorti tordna li jsiru testijiet ġenetiċi, l-esponenti ma ssib l-ebda oġġezzjoni u tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji;

5. Illi jekk jirriżulta li l-konvenuta S F C ma hijiex il-wild tad-defunt J C, l-partijiet kontendenti għandhom ukoll jiddeċiedu b’mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-konvenuta u dan a tenur tal-Artikolu 92 sub-inċiż 6 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

6. Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tal-atturi, huwa importanti li l-kelmiet ‘*the said’* li jinsabu qabel isem id-defunt J C, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom jiġu kanċellati mill-Atti tat-Twelid ta’ S F C;

7. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ għaġir tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u

għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin minn issa jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-konvenuti C D sive Q C u S F C, li permezz taghha eccepew : (fol. 95)

1) Illi d-defunt J C kien miżżewweg mal-esponenti qua konvenuta, C D sive Q C, hekk kif dawn kienu dahlu fir-rabta taż-żwieg nhar it-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elf, disgha mija u wiehed u tmenin (1981);

2) Illi permezz tal-Att ta' Separazzjoni datat sebgha ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elf, disgha mija u tmienja u tmenin (1988), fl-Atti tan-Nutar Carmelo Lia, id-defunt, J C u l-qua konvenuta C D sive Q C, sseparaw;

3) Illi xi żmien wara li l-esponenti qua konvenuta, C D sive Q C sseparat minn mad-defunt J C, hija kellha relazzjoni intima ma' ragel illi l-identita' tieghu mhijiex maghrufa u ma tafx tidentifika min hu llum il-gurnata, u li minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla, S F C li hija t-tieni qua konvenuta u mharrka f'din il-kawża civili, imwielda nhar l-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elf, disgha mija u disghin (1990);

4) Illi stante li l-esponenti qua konvenuta, S F C m'hijiex bint id-defunt, J C, l-esponenti qua konvenuta C D sive Q C kienet intavolat kawża civili ghal dawn il-finijiet, liema kawża ggib in-numru ta' Citazzjoni 271/1994/FGC u hija kawża fl-ismijiet 'C D sive Q C pro et noe vs. Direttur tar-Registru Pubbliku et, iżda tenut kont tal-fatt li din l-imsemmijja kawża kienet giet differita sine die, propju wara d-data tal-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elf, disgha mija, tmienja u disghin (1998), il-kawża civili bin-numru 271/1994/FGC spiccat deżerta;

5) Illi l-esponenti qua konvenuti, C D sive Q C u bintha S F C jafu b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk ma ghandhom ebda oggezzjoni ghal fatt illi tigi denegata l-paternita' ta' J C, in linea

ma' dak li jistipula l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet Malta u l-ligi nostrana f'dan ir-rigward fit-totalita' taghha, u b'riferenza wkoll ghat Artikoli ohrajn relattivi;

6) Illi l-esponenti ma jsibu l-ebda oggezzjoni li din l-Onorabbli Qorti tahtar periti teknici sabiex isiru l-verifiki genetici u xjentifiki necessarji jekk ikun opportun permezz ta' testijiet ad hoc sabiex l-esponenti qua konvenuta S F C tiġi ddikjarata li mhijiex il-wild naturali tad-defunt J C b'mod ghal kollox oggettiv;

7) Illi in linea mal-premessa precedenti, l-esponenti qua konvenuti konsegwenetement jaqblu li l-Qorti ghandha tordna li jigu affettwati l-korrezzjoniþet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid ta' S F C li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 4286/1990 biex b'hekk, minflok J C, jigi mniżżel "missier mhux maghruf" u jigi mniżżel ukoll kull dettall iehor li huwa necessarju prevja l-korrezzjoni li qeghda tigi mitluba li ssir;

8) Illi in linea ma' dak stabbilit u rilevat f'din ir-risposta, qed jigi mitlub ukoll illi kwalunkwe spejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jigu totalment sopportati mir-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal- konvenuti C D sive Q C u S F C;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom iċ-ċertifikat taż-żwieġ[1] ta' J C (illum defunt) u C TR C ġja MS (il-konvenuta) illi ġie kkontrattat fl-24 ta' Settembru 1981; il-kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia iddatat is-27 t'Ottubru 1988[2] illi permezz tiegħu il-konjuġi J u C TR C isseparaw a mensa ed thoro; iċ-ċertifikat tat-twelid tal-konvenuta S F C[3] illi jindika li hija twieldet nhar l-14 t'Awwissu 1990; l-atti tal-kawża fl-isimjiet <u>C TR C pro. et noe. vs. Direttur tar-Reġistru Pubbliku u J C</u> (Ċitazzjoni: 271/94FGC) liema kawża marret deżerta fl-4 ta' Mejju 1998.

Rat l-atti kollha tal-proċediment.

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

Rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[4], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 77, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna illi jistipula:

[1] Fol. 6
[2] Fol. 7
[3] Fol. 12
[4] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

***"77. Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:***

***(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew***

***(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel."***

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata minn omm u ħut id-defunt J C ("kull min ikollu interess") , għaċ-ċaħda tal-paternita` tal-istess J C versu l-konvenuta S F C. Huma jikkontendu li minkejja li l-konvenuta hija rreġistrata bħala bintu, din m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Fl-ewwel lok, <u>rigward l-interess ġuridiku tal-atturi</u> f'din il-kawża, il-Qorti hija sodisfatta li l-atturi lkoll għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili appena ċċitat u dan in vista li permezz ta' l-uniku testment tiegħu[5] tas-17 ta' Ġunju 1993 fl-atti tan-Nutar Franco Micallef[6], id-defunt J C istitwixxa bħala uniku eredi universali tiegħu lil ċerta X Bartolo detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 206867(M). L-istess X Bartolo, illum Borg, permezz ta' nota[7] ippreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) nhar id-19 t'Ottubru 2017, irrinunzjat għall-wirt tal-istess J C. Illi kemm-il darba jirriżulta illi l-konvenuta S F C m'hijiex il-bint naturali tad-defunt J C, il-wirt

[5] Dana ġie stabbiit mir-riċerka testamentarja illi saret fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), ċertifikat fol. 75, u wkoll fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, fol. 76

[6] Insinwat bin-numru 8057/1993

[7] Fol. 82

tiegħu jgħaddi *ab intestato* fuq l-atturi. Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-fatti jsarrfu f'interess ġuridiku sodisfaċenti għall-iskopijiet ta' din l-azzjoni.

Fit-tieni lok u għall kull buon fini, il-Qorti tirrileva illi t-terminu ta' sitt xhur impost mill-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili, għall-preżentata ta' kawża ta' denegata paternita` jorbot biss lill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-konjuġi li wiled, u għalhekk ma japplikax ugwalment fil-każ t'azzjoni intavolata minn terzi li jkollhom interess bħalma huwa l-każ odjern. Dana jirriżulta kjarament mid-diċitura tal-istess Artikolu 77Ċ.

<u>Dwar il-mertu</u>, il-Qorti tikkonsidra illi l-konvenuta S F C twieldet wara ċirka sentejn mis-separazzjoni personali bejn ommha, il-konvenuta C D C, u J C. Illi meta ntavolat il-proċeduri ta' filjazzjoni lura fl-1994, l-istess C D C iddikjarat illi S F kienet frott ta' relazzjoni ma' terz li hija kellha fl-1989, wara li kienet ġja sseparat minn ma' J C.[8] Hija kienet mingħaliha li bintha tniżżlet bħala bint missier mhux magħruf, iżda effettivament fl-att tat-twelid tniżżlet bħala bint il-konvenut J C. *"Billi t-tifla S F* ***ċertament***[9] *m'hijiex bint naturali ta' J C li minnu l-attriċi kienet infirdet kważi sentejn qabel it-twelid tat-tarbija"*, hija kienet talbet il-korrezzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri fis-sens illi jiġi dikjarat illi J C ma kienx il-missier naturali tat-tifla S F C.

Il-Qorti tikkonsidra wkoll in-nota t'eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni ġuramentata[10] ta' J C fl-atti tal-kawża appena ċċitata fejn huwa ddikjara: *"Illi hu m'għandux interess fil-minuri S F għaliex jaf ben tajjeb li din mhix bintu naturali stante li hu u l-attriċi kien ilhom għal bosta snin separati (kemm fiżikament u kemm legalment) meta xi ħadd qallu li dik li qabel kienet martu kellha tarbija. Kien biss f'dawn il-proċeduri li sar jaf b'xi dettalji dwar din it-tarbija"* fosthom li kien jisimha S F.

Tikkonsidra ix-xiehda ta' **Calidonia MS**[11], omm il-konvenuta C D sive Q MS, fejn hija sqarret:
*"Minn meta saret is-separazzjoni, l-attriċi li tiġi binti dina ġiet miegħi u għadha toqgħod miegħi. Qabel toqgħod il-Għargħur u issa cioe minn saret is-separazzjoni formali bil-kuntratt toqgħod miegħi l-Imġarr.*
*Wara li kienet saret is-separazzjoni bil-kuntratt darba minnhom l-attriċi qaltli li kienet ħarġet tqila. Dan sentejn wara illi sar il-kuntratt. L-attriċi ma*

---

[8] Dikjarazzjoni li hija kkonfermat bil-ġurament anke fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 1995, fol. 58
[9] Dikjarazzjoni ta' Maria Teresa Mula, b'enfasi ta' din il-Qorti.
[10] Fol. 39
[11] Mogħtija fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Novembru 1995, fl-atti tal-kawża 271/1994FGC, fol. 58,

*riditx tgħidli ta' min kienet it-tarbija u ma baqgħetx tgħix magħna l-Imġarr u marret toqgħod mas-sorijiet ta l-Ursolini r-Rabat.*
*Għal disa xhur sħaħ tat-tqala hija baqgħet għand dawn is-sorijiet umbagħad sintendi marret l-isptar u hemmhekk twieldet it-tifla. Żewġi ma ridhix lura d-dar billi insista illi jkun jaf ta' min kienet it-tarbija. L-attriċi irrifjutat li tgħidlu min kien il-missier u sal-lum lili ma qaltlix min kien missier it-tarbija u naħseb illi lanqas qalet lil żewġi.*
*Umbagħad indaħal bejnietna Patri Frendo li kellem lis-sorijiet u anki lill-attriċi u ipperswadina biex naċċettaw l-attriċi tiġi flimkien mat-tifla l-Imġarr mill-ġdid. U hekk sar. Minn dak in-nhar hija baqgħet tgħix magħna.* ***Nixtieq naċċerta lill-Qorti illi binti assiguratna illi t-tarbija ma kinitx tal-konvenut J C. Id-diskors dejjem hekk kien.***[12]*"*

Il-Qorti rat ukoll l-affidavit tal-attriċi **N F C**[13] li tiġi oħt id-defunt J C. Hija kkonfermat illi meta ħuha u l-konvenuta C D sive Q kienu sseparaw f'Ottubru 1988, huma ma baqgħux iżjed f'kuntatt u dana wara li huma spiċċaw is-separazzjoni tagħhom b'mod ħażin ħafna u mhux fuq nota amikevoli. Sussegwentement, ix-xhud saret taf mingħand in-nies illi l-istess Q kellha tifla. Tikkonferma illi l-konvenuta qatt ma fittxet lil ħuha għal xi manteniment jew talbitu xi flus għat-tifla. *"Ngħid illi jiena u ħija qatt ma rajnieha lil din it-tifla jew kellna kuntatt magħha".* Filfatt ħuha kien skopra l-identita` tagħha meta l-konvenuta kienet intavolat il-proċeduri sabiex jiġi ddikjarat li huwa mhuwiex il-missier naturali ta' bintha S F. *"Minn dakinhar li J C kien skopra li t-tifla S F kienet imniżżla fuq ismu hu dejjem xtaq li din ma tibqax imniżżla hekk. Hu kien ta' sikwit jitkellem miegħi li t-tifla ċertament ma kinitx tiegħu u m'għandux ibati huwa dan l-iżball meta kollox kien sar minn wara dahru u huwa ma kien jaf assolutament xejn. Ngħid li xewqa kbira ta' ħija J C kienet illi t-tifla S F C ma tibqax imniżżla fuq ismu tant illi kien baqa' jsemmiha anke riċentement qabel ma ġie nieqes. Ngħid illi ħija J kien marad serjament u b'hekk kien f'kondizzjoni li saħħtu ma tatux biex imur il-Qorti iżda minkejja dan huwa kien dejjem jinsisti miegħi sabiex isiru dawn il-proċeduri."*

Illi kif dejjem irritjeniet il-Qorti, f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk il-konvenuta possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-attur, fiż-żmien tal-konċepiment ta' bintha S F. Fil-każ odjern, anke mingħajr il-prova

[12] Enfasi ta' din il-Qorti
[13] Fol. 102

ġenetika u xjentifika, il-Qorti għandha ċ-ċertezza morali li l-konvenuta S F C m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tad-defunt J C. Di fatti, l-Qorti fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2018 iddikjarat illi in vista tal-ammissjoni ta' S F C illi J C ma kienx il-missier naturali tagħha, m'hijiex ser tinsisti illi jsiru t-testijiet tad-DNA[14].

Il-Qorti tħossha konvinta, illi bejn it-tlett mitt ġurnata u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifla, J C żamm fiżikament il-bogħod minn martu. Illi fuq ammissjoni tal-konvenuta C D sive Q C, hija wettqet adulterju, u t-tarbija hija frott tal-istess relazzjoni adultera tagħha, u mhux frott ta' xi relazzjoni li hija kellha ma' żewġha J C li kienet ilha separata minnu legalment għal sentejn. L-istess Q C dejjem stqarret mal-ġenituri tagħha illi t-tarbija ma kinitx bint J C. Di fatti, hija kienet saħansitra intavolat proċeduri sabiex J C ma jibqax identifikat bħala l-missier naturali ta' bintha S F. Ix-xhud N F C kkonfermat illi ħuha ma żamm ebda kuntatt ma' martu wara li dawn isseparaw billi huma ma spiċċawx fuq nota amikevoli. Sar jaf dwar it-tarbija mingħand in-nies.

Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din il-Qorti, minkejja n-nuqqas tat-testijiet xjentifiċi tad-DNA, juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li S F C m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tad-defunt J C. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku billi:

1. Tiddikjara illi S F C detentriċi tal-karta tal-identita` 428690(M), imwielda fl-14 t'Awwissu 1990, m'hijiex il-bint naturali u bijoloġiku ta' J C li kien detentur tal-karta tal-identita` 632160(M) li miet fl-1 ta' Lulju 2017 u dan kuntrajament għal dak dikjarat fl-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni erbat'elef mitejn u sitta u tmenin tas-sena elf disa' mija u disgħin (4286/1990);

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmija S F C, innumerat

[14] Verbal fol. 107

erbat’elef mitejn u sitta u tmenin tas-sena elf disa’ mija u disgħin (4286/1990), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għad-defunt J C u minflok iniżżel il-kliem “missier mhux magħruf”;

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-imsemmija S F C, innumerat erbat’elef mitejn u sitta u tmenin tas-sena elf disa’ mija u disgħin (4286/1990), jikkanċella l-kliem ‘the said’ mill-konnotati tal-omm u jżid il-kliem “from whom she is legally separated by virtue of a public deed in the records of Notary Dr. Carmelo Lia of the 27th October 1988”;

4. Għal kull buon fini tiddikjara illi l-konvenuta S F C għandha tibqa’ tassumi u tibqa’ magħrufa bil-kunjom “C”;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta C D sive Q C.